MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2007

Numru 61/2007

Il-Pulizija
(Spettur Raymond Cassar)
Vs
Jody Pisani

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat detentur ta' karta ta' identita' numbru 175379(M), akkuzat talli fl- 10 ta' Ottubru 2006 u fil- jiem ta' wara, f'dawn il- Gzejjer, xjentament laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b' kull mod li jkun indahal biex jbieghhom jew imexxihom, liema hwejjeg u cioe' top-up vouchers u sim cards gejjin minn serq ikkwalifikat bil- valur li jeccedi l-elf lira Maltija, kif ukoll bin-natura tal- haga misruqa; u aktar talli kiser kundizzjoni imposta fuqu b' sentenza moghtija mill- Qorti tal-Magistrati ta' Malta fl- 14 ta' Gunju 2006 mill- Magistrat Dr

Antonio Mizzi LL.D. liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat l-artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali li bihom bghat lill-imputat sabiex jigi gudikat minn dina l-Qorti ai termini tal-artikoli dikjarati;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni sabiex il-kawza tistmena sommarjament .

Semghet lill-prosekuzzjoni tiddikjara li ma kellhomx aktar provi x'jipproducu.

Ikkonsidrat:

Illi ai termini tal-artikoli mahruga mill-Avukat Generali l-imputat hu akkuzat b'ricettazzjoni taht l-artikolu 334 u 334A tal-Kap.9 u talli kiser kundizzjoni imposta fuqu b'sentenza ta' din il-Qorti diversament proseduta datata 14 ta' Gunju 2006.

Illi l-imputat ammetta volontarjament u inkondizjonatament l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Fuq l-iskorta ta' din l-ammisjoni wkoll il-Qorti tiddikjara l-imputat hati tal-akkuzi migjuba u wara li rat l-Artikolu 334 tal-Kap.9 u Artikolu 22 tal-Kap 446 tiddeciedi u tikkundannah Lm100 multa minbarra li tapplika ghal darb'ohra l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 ghal perjodu ta' sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------